

# Il-Pesta tal-1813 fil-Belt Valletta

Vince Peresso

## Introduzzjoni

Il-pesta f'Malta dejjem ġiet impurtata minn xi post ieħor – bosta drabi mil-Lvant tal-Mediterran. Hekk ġara meta, nhar it-28 ta' Marzu 1813, waslu Malta numru ta' xwieni taħt l-iskorta tax-xini Navali Ingliż, *Badgers*[1]. Ġew minn Lixandra, fejn kien hemm imxija qawwija tal-Pesta Bubonika. Fost dawn ix-xwieni kien hemm il-Brigantin *San Nicolò* bil-kaptan Antonio Maria Mascarà mill-Isla. Tul il-vjaġġ il-brigantin *San Nicolò* kellu żewġ baħrin li mietu bil-pesta, kif iddikjara t-tabib tax-xini Ingliż. Naturalment dawn indifnu fil-baħar, u hekk kif wasal Malta l-brigantin tqiegħed għall-kwarantina fil-port ta' Marsamxett, kif kien jiġri f'każi bħal dawn. Ittieħdet kull prekawzjoni meħtieġa. Hekk li l-kaptan u l-baħrin ġew imġegħla jinżlu fil-baħar għarwenin ħuta, ngħataw ilbies nodfa u tqegħdu fil-Lazzarett, waqt li x-xini ġie ssiġillat u tqiegħed taħt l-għassa tal-gwardjani sanitarji[2].

L-awtoritajiet tas-saħħa ma ħadu xejn pjaċir li dax-xini kien jinsab fil-port u ordnaw li jittieħed 'il barra u jinħaraq bit-tagħbija b'kollox.[3] Iżda is-sidien tax-xini u tat-tagħbija talbu li jieħdu x-xini lura lejn Lixandra, bit-tagħbija b'kollox u b'ekwipaġġ ġdid. Il-Kummissarju Ċivili, Sir Hildebrand Oakes laqa' dit-talba u x-xini salpa lura lejn Lixandra nhar l-10 ta' April 1813[4], fejn wasal fid-destinazzjoni qawwi u sħiħ u mingħajr ebda każ ta' pesta fuqu. Sadattant iżda l-kaptan Mascarà u l-assistent tiegħu, li tul l-vjaġġ fatali kienu assistew liż-żewġ baħrin li kienu mietu bil-pesta, huma wkoll mardu u mietu bil-pesta fil-bidu t'April, waqt li kienu l-Lazzarett.

## L-Ewwel każ tal-Pesta

Għalkemm mad-daqqa t'għajn deher li Malta skansat il-periklu, l-affarijiet ħadu xeħta għall-agħar hekk kif it-tabib Francesco Leon Gravagna ssejjaħ jara tfajla ta' madwar 8 snin fid-dar tal-iskarpan Salvu Borg f'227, Triq San Pawl, ix-xaqliba l-oħra ta' Valletta. It-tifla mietet nhar is-19 ta' April, l-għada tal-Għid. Għad li kellha deni qawwi, u t-tabib issuspetta li setgħet kienet infettata, għall-ewwel beda jiddubita kemm fil-fatt kienet attakkata mill-pesta. Kull dubju marlu ġimagħtejn wara, nhar l-ewwel ta' Mejju, meta mardet ukoll l-omm, li kienet fis-seba' xahar tat-tqala. Hekk kif eżamina ġisem il-mara u ra l-infatet u tbajja' tipiċi tal-marda marlu l-iċken dubju. Għamel konsulta ma' sħabu t-tobba fil-Kumitat tas-Saħħa u immedjatament bdew jittieħdu prekawzjonijiet, iktar u iktar kif fl-istess żmien mietet il-qabla li kienet qed tieħu ħsieb mart l-iskarpan u xi nies oħra qrib tal-qabla. Qabelxejn il-familja Borg, li kienet tinkludi n-nanniet, anzjani sew, u nies oħra ttieħdu l-Lazzarett f'nofs ta' lejl. Hemm, għad li mhux mal-ewwel, bosta minnhom sfaw vittmi tal-pesta, inkluż l-istess Salvu Borg[5]. Djarist kontemporanju, Dun Luigi Caruana Dingli, jagħti

deskrizzjoni drammatika ta' kif dil-familja f'nofs ta' lejl inħarġet minn djarha u ttieħdet taħt skorta lejn Marsamxett fejn kien hemm dgħajsa li ħadithom il-Lazzarett. Fin-notifiki tal-Kumitat tas-Saħħa jidher ċar kif Salvu Borg kien taħt sorveljanza stretta u għal ġranet sħaħ baqa' jinsab mingħajr l-iċken sinjal ta' mard sakemm imbagħad marad f'daqqa waħda u miet nhar l-10 ta' Mejju, jiġifieri madwar xahar wara li ttieħed fil-Lazzarett.


Id-dar fi Triq S. Pawl minn fejn aktarx bdiet il-morda tal-pesta tinxtered

Il-familja ta' Salvu Borg kienet ċertament l-ewwel li ntlaqtet bil-pesta, u r-rapporti uffiċjali u storiċi kollha li nkitbu dwar din l-imxija kollha jattribwixxu l-bidu tal-festa għall-fatt li Salvu Borg, b'xi mod kien akkwista xi ġilda jew drapp li nħattet minn fuq il-brigantin *San Nicolò* b'kuntrabandu. Inżommu quddiem għajnejna li dik il-ħabta kienu jemmnu li l-pesta tista' tittieħed bil-*contagio*[6] jiġifieri billi wieħed imiss xi ħwejjeġ jew oġġetti tal-marid. Għalhekk l-attribuzzjoni prinċipali kienet li dan il-materjal imniġġes tniżżel b'kuntrabandu minn fuq il-brigantin infettat, li kien miżmum u mgħasses fil-post ta' kwarantina fejn il-Lazzarett fil-Port ta' Marsamxett, u imbagħad spiċċa għand l-iskarpan Salvu Borg. Din it-teorija però ma tantx intlaqgħet tajjeb minn żewġ kittieba kontemporanji.

L-ewwel nett il-Markiż Giuseppe Maria de Piro fil-ktieb tiegħu *Ragguaglio della epidemia pestilenziale che afflisse l-Isole di Malta e Gozo in nel 1813* li hu ppublika fl-1833 jgħid ċar u tond li Borg ma kienx kuntrabandist. Imbagħad kien hemm Dun Luigi Caruana Dingli, mill-Belt Valletta, li kiteb djarju dwar il-pesta. Hu wkoll jafferma li ma jistax ikun li Salvu Borg laqqat il-pesta minn fuq il-Brigantin. Jafferma wkoll bl-ikbar konvinzjoni li Salvu Borg ma kienx kuntrabandist, u terġa' u tgħid il-Brigantin *San Nicolò* kien mgħasses tajjeb u kien il-bogħod mid-dar tal-iskarpan, fejn feġġew l-ewwel każi tal-pesta. It-tnejn li huma jisħqu li l-pesta kienet ilha daqxejn li daħlet u kienet tinsab rieqda fl-inħawi tal-Port il-Kbir. Argument ieħor imressaq minn Caruana Dingli hu l-fatt li mart Salvu Borg, li kienet it-tieni vittmi tal-pesta, kienet assistita minn ħuha, Patri Manwel Karmelitan, li minkejja din l-assistenza fil-qrib hu qatt ma marad bil-pesta u lanqas daħħal il-pesta fil-kunvent tal-Karmelitani tal-Belt. Punt ieħor imqajjem kien li Salvu Borg meta ttieħed il-Lazzarett ma kienx marid[7] u dam madwar xahar sakemm miet bil-pesta f'nofs Mejju. Allura nistgħu liberalment ngħidu li Salvu Borg ġie infettat fil-Lazzarett stess minn morda oħra li sadattant kienu ngarru l-isptar fuq il-gżira Manoel. Jibqa' iżda l-fatt li l-pesta tal-1813 bdiet fil-familja ta' Borg.

## Tixrid tal-Pesta

Matul April deher li s-sitwazzjoni kienet taħt ċertu kontroll, u għalhekk bosta ħassew li l-marda ma kinetx se tibqa' tinfirex. Dan l-ottimiżmu anki ġie espress mill-Kummissarju Ċivili, Sir Hildebrand Oakes, innifsu f'dispaċċ li hu bagħat lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji[8]. Dil-laxkezza iżda jidher li tat lok biex il-marda iktar refgħet rasha, u l-każi tal-mard bdew jiżdiedu. Sar allarm sħiħ. Nhar il-5 ta' Mejju nħarġu regolamenti mill-Awtorijiet tas-Saħħa fejn ħeġġu lin-nies jagħmlu attenzjoni għall-mard, id-djar tal-belt żaruhom it-tobba għall-ispezzjoni tal-morda u n-nies ġew projbiti jinġabru flimkien imma jibqgħu fi djarhom. Bl-istess mod ingħalqu l-ħwienet, is-suq u postijiet tal-kummerċ, ingħalaq it-teatru u l-iskejjel.[9] Sadattant l-Isqof Ferdinando Mattei kien Għawdex jagħmel viżta Pastorali. Hekk kif irċieva l-aħbar li feġġet il-pesta hu waqqaf ħesrem il-vista u niżel Malta. Fid-9 ta' Mejju ħareġ ċirkulari fejn ħeġġeġ lin-nies josservaw

ir-regolamenti maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, ordna li l-knejjes tal-Belt jingħalqu, ħeġġeġ li tingħata karità u kull għajnuna oħra. Iktar tard nhar id-28 ta' Mejju, l-ordni tal-għeluq tal-knejjes ġiet estiża għall-knejjes kollha ta' Malta. L-isqof ordna li fil-knejjes issir quddiesa waħda kuljum mill-qassis waħdu u permezz tad-daqq tal-qniepen il-popolazzjoni minn darha tkun tista' tgħid ir-rużarju[10].

Mal-ewwel deher biċ-ċar nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, u minħabba f'hekk il-każi tal-pesta bdew jiżdiedu fil-frekwenza tagħhom. Bdew jitieħdu prekawzjonijiet iktar stretti u iebsin mill-gvern ta' dak iż-żmien, immexxi mill-Kummissarju Ċivili Sir Hildebrand Oakes. Inħarġet l-ordni li l-annimali jinżammu maqfula d-dar, ma jintremewx ċraret u mbarazz fit-toroq anzi dawn ġew ordnati li jinħarqu, id-djar żaruhom it-tobba u uffiċjali oħra, bdew jiġu purifikati u mnaddfa d-djar u dawn għandhom jitbajdu bil-ġir. Madankollu l-awtoritajiet ma kinux sodisfatti li n-nies qed tikkopera biżżejjed u saħansitra ġie ppubblikat rapport tal-aħħar pesta f'Messina biex ifehmu lin-nies bil-periklu li kien hemm quddiemhom. Il-bibien kollha tas-swar ta' Valletta ssakkru biex jiġi kkontrollat il-ħruġ u dħul. Dawn il-miżuri ma ġabux ir-riżultati mixtieqa. Hekk kif il-każi tal-pesta bdew jiżdiedu u jfaqqsu dejjem iktar, l-iktar fl-inħawi tan-naħa t'isfel tal-Belt, inħarġet ordni li Valletta tinqasam fi tmien distrett, fejn permezz ta' barrikati u gwardji ġie limitat iċ-ċaqliq ta' persuni min-naħa għal oħra. Kull distrett kellu sotto-kumitat ta' tliet persuni responsabbli mill-amministrazzjoni u ż-żamma tal-ordni.

Għal dan il-għan nhar it-3 ta' Ġunju, il-Belt Valletta ġiet maqsuma kif turi l-pjanti t'hawn isfel[11]:

Sa mill-bidu ta' Mejju l-Kumitat tas-Saħħa beda joħroġ kuljum notifiki ta' każi ġodda u ta' mwiet bil-pesta. Għall-Belt Valletta minbarra l-ismijiet tal-persuni milquta hemm l-indirizzi. B'hekk nafu kif il-pesta nfirxet minn triq għal oħra. Hekk matul ix-xahar ta' Mejju t-toroq milquta kienu dawn, bin-numru fil-parentesi juri d-data

Sant'Ursola (7); Strada Pozzi (18); Manderaggio, Strada Toro u Strada Vescovo (19); Strada San Nicola (23); Strada Reale u Strada San Paolo (25); Strada San Giuseppe u Strada San Domenico (26); Strada Ospedale u Strada Marsamuscetto (27); Strada Stretta u Strada San Sebastiano (29); Strada Alessandro (30); Strada Mercanti u Strada Fontana (31)[12]. B'hekk sal-aħħar ta' Mejju l-pesta kienet tista' tgħid laqtet it-toroq kollha tan-naħa t'isfel ta' Valletta, liema naħa mhux biss kienet tinsab f'livell baxx ġeografikament imma wkoll soċjalment.

Sadattant il-pesta kienet diġà bdiet tinfirex f'postijiet oħra ta' Malta. Dit-tabella turi kif il-pesta waslet f'għadd ta' postijiet f'Malta:

| | |
|---|---|
| 5 ta' Mejju | Il-Belt Valletta |
| 18 ta' Mejju | Lazzarett/Manoel u l-Gudja |
| 19 ta' Mejju | Ir-Rabat u Notabile |
| 20 ta' Mejju | Ix-Xatt tal-Belt |
| 22 ta' Mejju | Ħal Luqa, Ħal Qormi u H'Attard |
| 26 ta' Mejju | Ħaż-Żebbuġ |
| 27 ta' Mejju | Il-Furjana |
| 28 ta' Mejju | Birkirkara u Ħad-Dingli |





PORTA REALE

Distretto N. 1.
Deput. Dr. Egidio Salomone. Dr. Fisico Buttigieg. Dr. Sabino Vella.

Distretto N. 5.
Deput. Cav. Ignazio stagno. Dr. Rob. Forest. Fra. Fortunato Vella.

STRADA S. GIOVANNI

Distretto N. 2.
Deput. Giurato della Not. Leopoldo Zahra Clinchant. Dr. Giuseppe Camillieri Dr. Giovanni Cauchi

Distretto No. 6.
Deput. Marchese Gerolamo Delicata. Dr Benedetto Bonavita. Not. Giuliano Chiappe.

STRADA VESCOVO

Distretto N. 3.
Deput. Dr. Fr. Simone Borg. Raimondo Zammit. Dr. Giuseppe Falzon.

Distretto N. 7.
Deput. March. Greg. Testaferrata. Don Giuseppe Rossi. Giurato Dr. Bart. Scifo.

STRADA S. DOMENICO

Distretto N. 4.
Deput. Conte Vincenzo Fontani. Dr. Giuseppe [illegible] Aromatario Grech.

Distretto N. 8.
Deput. Sacerd. Bellandi. Ed. Noble. Gius. Gatt.

S. ELMO

GRAN PORTO — STRADA REALE — MARSAMUSCETTO

Malta, Segreteria del Governo 3 Giugno 1813.

D'ordine di S. E. il Regio Civile Commissionario
F. LAING

**Pjan ta' kif ġiet maqsuma l-Belt Valletta f'distretti biex kemm jista' jkun tiġi kkontrollata l-marda**

| | |
|---|---|
| 29 ta' Mejju | Il-Birgu, il-Kalkara u Bighi |
| 30 ta' Mejju | Ħaż-Żabbar |
| 1 ta' Ġunju | L-Imqabba |
| 6 ta' Ġunju | Ħal Lija u ż-Żurrieq |
| 9 ta' Ġunju | Tas-Sliema u San Ġiljan |
| 11 ta' Ġunju | In-Naxxar |
| 12 ta' Ġunju | L-Isla u l-Mosta |
| 17 ta' Ġunju | Kordin |
| 20 ta' Lulju | Tal-Pietà u l-Imsida |
| 21 ta' Lujju | Ħal Tarxien |
| 25 ta' Lulju | Raħal Ġdid |
| 22 ta' Awwissu | Il-Marsa |
| 6 ta' Sett | San Pawl il-Baħar |
| 11 ta' Sett | Is-Siġġiewi[13] |

### Miżuri u Prekawzjonijiet

Hekk kif familja kienet tkun attakkata mill-pesta kien jidħol proċess strett. Il-mejjet kien jinġarr għad-difna f'karru tal-injam, bla wisq ċerimonji u jittieħed għad-difna fiċ-ċimiterju li twaqqaf 'il barra mis-swar. Il-morda kienu jittieħdu jew il-lazzarett jew fi sptarijiet ta' osservazzjoni li twaqqfu 'l barra mis-swar. Dawn kienu barrakki tal-injam li nbnew hekk kif toħroġ minn Putirjal u minn Bieb il-Bombi. Hemm kienet tinġarr ukoll il-bqija tal-familja li jitqegħdu f'barrakki oħrajn. Din ix-xena tidher deskritti b'mod grafiku f'xi ex voto. Waħda minnhom tinsab fil-knisja ta' Santa Barbara fejn Pasquale Bartolo qed jirringrazzja lill-Madonna u lil Santa Barbara li baqa' ħaj wara li tul il-pesta kien inkarigat jisqi l-ilma lill-morda bil-pesta.

Sadanittant kumitat ta' purifikazzjoni fi ħdan il-Monti tal-Pietà kien jidħol fid-dar fejn jinġabru




**Ex-Voto b'ringrazzjament tal-ħelsien mill-pesta**

l-affarijiet prezzjużi, jitqegħdu f'kaxxa apposta nnumerata u tinżamm fil-Monti. Iktar tard, wara li spiċċat il-pesta, insibu għadd kbir ta' nies qed jiġbru dawn l-affarijiet u dan qed jiġi rikordjat għand n-nutar Baldassare Mamo[14]. L-aħħar pass kien li d-dar titbattal mill-għamara u mill-ħwejjeġ u drapp li jittieħdu għall-ħruq f'xi waħda mill-kalkari. Għad li jidher li kien hemm proċess tajjeb madanakollu kien hemm diversi rapporti ta' serq u abbużi oħra. Ħafna b'hekk spiċċaw ta' fuqhom senduqhom.

### Xi kuntratti

Kif diġà rajna waħda mill-prekawzjonijiet importanti li ttieħdet biex tikkontrolla t-tixrid tal-pesta kienet l-għeluq tal-postijiet ta' kummerċ. F'dan is-sens nhar it-12 ta' Ġunju 1813, in-nutara ġew ordnati biex jillimitaw il-ħidma nutarili tagħhom għall-essenzjal. Għalhekk insibu tnaqqis drastiku tal-għadd ta' kuntratti li saru matul il-pesta. Bosta għalqu l-uffiċċju tagħhom. Naturalment dawk li ma kinux joqogħdu l-Belt baqgħu fir-raħal tagħhom u ma resqux lejn il-Belt. Mill-kuntratti li saru fix-xhur tal-pesta nistgħu però naraw xi aspetti interessanti li juruna l-ħajja u tbatijiet tagħha f'dan iż-żmien diffiċli. Numru sew minn dawn il-kuntratti juru xi prewkawzjonijiet li ttieħdu, u numru sew huma testmenti. Ħa nagħti ftit eżempji li juru aħjar din is-sitwazzjoni

In-Nutar Calcedonio Arpa nhar is-26 ta' Ġunju 1813 issejjaħ minn Serafin Farrugia li kien marid bil-pesta f'dar li kienet tagħmel parti mis-suq. Jidher li Serafin aktarx ngħata permess jagħmel il-kwarantena f'daru. Għalhekk hu ngaġġa lil Ġaċintu Debono biex jieħu ħsiebu, għal ħlas ta' seba' skudi u nofs kuljum, li kienet bażikament ekwivalenti ma' ġimgħa paga. Ġaċintu ntrabat li jieħu ħsieb lil Serafinu, u lill-familja tiegħu jekk dawk jimirdu u li anki jmur magħhom jekk jittieħdu l-Lazzarett. Serafin fil-fatt miet erbat ijiem wara, nhar il-25 ta' Ġunju. Ħadd iżjed mill-familja ma jidher fil-lista tal-mejtin jew morda – ġiethom tajba. Imbagħad f'kuntratt sussegwenti Ġaċintu qed jingħata s-somma ta' 750 skud bħala ħlas tas-servizz tiegħu. Dan ifisser li għamel mitt jum jieħu ħsieb dil-familja[15].

Bosta kienu jħallu t-tfassil tat-testment għall-aħħar żmien, bosta drabi saħansitra għal fuq is-

sodda tal-mewt. It-testment fis-soċjetà Maltija tas-seklu dsatax, kien ċertament meqjus bħala att importanti anzi kważi kważi sagru. Hu għalhekk li t-testment kien jinkludi invokazzjoni lill-Mulej, lill-Madonna u lil Qaddisin għas-salvazzjoni ta' ruħhom. Fix-xhur tal-pesta dal-formularja mhux dejjem kien jintuża. Numru ta' drabi n-nutar beda jissejjaħ fid-djar tal-morda. L-ewwel ħaġa li josserva kienet li t-testatur kien kapaċi biex jagħmel it-testment *"sebbene indisposta di corpo sano però per grazia di Dio, di mente, vista, senso ed intelletto come si scorge dal suo retto discorso e sano giudizio".*[16] Imbagħad wara t-talba kien jibda jniżżel l-aħħar disposizzjoni.

Għalhekk fi żmien il-pesta fil-Belt insibu diversi każi fejn xi nutar kien imur fid-dar, jew aħjar qrib id-djar tan-nies, biex jagħmel dan it-testment, li ħafna kienu jħallu sal-aħħar biex jersqu għalih. Hekk pereżempju għamel in-Nutar Calcedonio Arpa nhar il-21 ta' Ġunju 1813 meta Ġwakkin u Tereża miżżewġin Muscat talbu li jagħmlu t-testment. In-nutar mar fi Triq l-Isptar fejn kienu jgħixu u billi t-triq kienet magħluqa u mgħassa ma setax jidħol fiha. Allura huma ħarġu fuq l-għatba tal-bieb ta' barra u b'leħen għoli qalu x'kienu l-aħħar disposizzjonijiet tagħhom. Minħabba li t-triq kienet taħt kwarentina u allura ma setgħux jiktbu, għalhekk biex jirrappreżentawhom fit-tfassil tat-testment tagħhom għażlu lil xi gwardjani tas-sanità u lill-kirurgu Michele Borg li jidher kien responsabbli ta' dik it-triq[17]. Testment ieħor sar minn missier u bint, Vincenzo Busuttil u Loreta Parnis, li kienu joqogħdu fi Triq it-Torri (fuq Putirjal). Huma sejħu lin-Nutar Giuseppe Bonavita li kitbilhom l-aħħar xewqat tagħhom fit-triq waqt li żamm id-distanza preskritta. Bħal dawn kien hemm diversi eżempji oħra[18].

### Rwol tas-Saċerdoti

Is-Saċerdoti u patrijiet kellhom ukoll rwol importanti. Numru minnhom kienu jduru jżuru lin-nies biex jagħtuhom mhux biss l-assistenza spiritwali imma wkoll dik materali. Naturalment ittieħdu prekawzjonijiet speċjalment mill-kunventi, fejn bosta drabi l-komunità reliġjuża kienet tagħżel xi wieħed minnhom biex imur jagħti s-servizz tiegħu fost l-impestati. Dan imbagħad ma kienx jorqod fil-kunvent sabiex jevitaw li l-pesta tidħol fil-kunvent. Mill-Komunità Karmelitana dan ix-xogħol għamlu Patri Michel Angelo Chircop, li ħareġ mill-kunvent u mar joqgħod ma' ommu Rosaria. Huwa beda jgħin lin-nies sew fil-qrar u l-assistenza qabel il-mewt kif ukoll billi jipprovdilhom l-ikel. F'kuntratt insibu li Fra Mikelanġ anki kien ħa ħsieb il-ftit oġġetti prezzjużi li Marianna Camliti kienet għaddietlu qabel mietet fi Triq L-Isqof Nru 60 nhar it-22 ta' Ġunju 1813[19]. Dil-ħidma tiegħu fost l-impestati kienet perikoluża, u bħalu kien hemm diversi saċerdoti oħra u anki nies li għamlu dax-xogħol. Fil-fatt Patri Mikelanġ safa' vittma huwa wkoll nhar l-13 ta' Settembru 1813. Dun Luigi Caruana Dingli fid-djarju tiegħu jgħid hekk dwar dan il-patri u l-ħidma tas-saċerdoti.

> *Li 13 Settembre: Solamente è morto di Peste il Padre Fr. Angelo ChircopCarmelitano, il quale per essersi esibito tanto per confessare gl'infermi nell'Ospedale di Peste, come ancora assisteva alla distribuzione del Caldarone che si faceva di alcuni particolari Cittadini Maltesi alla Povera gente. Onde il sud: Padre, da chesi era impiegato in detto Serviggio, site ne va fuori di Convento, ed in casa di sua madre, affinchè venendo d'accarsi con la Peste, non sarebbe il caso di attaccare la Comunità del suo convento. Sicchè il sud$^{o}$ officio per esser molto pericoloso, il medesimo Padre ebbe di provare anche l'orribile effetto della Peste, che se sarebbe rimasto in suo convent tutto il resto dei frati, non si sarebbero sacrificati, ma lo zelo, e la Pietà del detto Padre, e pro delle povere anime, non si è curato di mettersi al cimento, come molti altri zelantissimi sacerdoti, egualmente mossi dalla Carità si sono similmente sacrificati in quest'istesso urgenza della Peste, cheperciò non resteranno privy della giusta merce de promessa a Dio, e suoi Servi, e con ispecialità a tutti quelli, che procurano la gloria di Dio, e la Salvezza delle anime.*[20]

### Toroq Beltin milquta bil-pesta

Matul il-perjodu kollu tal-pesta n-numru tal-vittmi laħaq l-4,668, bl-iktar postijiet milquta kienu l-Belt Valletta b'1,221, il-Furjana bi 893, Ħaż-Żebbuġ b'691, u Birkirkara b'282. Ħal Qormi hu każ għalih għax waqt li Malta kienet dikjarata ħielsa mill-pesta f'Jannar 1814, Ħal Qormi baqa'

isoffri mill-marda sa Lulju 1814 u n-numru tal-vittmi laħaq id-900 ruħ. Meta neżaminaw liema toroq ta' Valletta ntlaqtu l-aktar toħroġ stampa ċara li turi t-toroq periferali tal-Belt l-aktar milquta. Minbarra fil-Mandraġġ li kellu 85 mewt bil-pesta, naraw l-iktar żewġ toroq milquta Strada San Nikola (117 każ) u Strada Sant'Ursola (81 każ). Jekk ma' dawn inżidu l-vittmi fi Triq San Duminku (64 każ), Triq l-Isptar (61 Każ), Strada Pozzo (52 każ), Triq San Ġużepp (55 każ), Triq Fontana (35 każ) u Triq Tramuntana (30 każ) nistgħu naraw kif il-pesta għamlet ħerba sħiħa fl-inħawi t'isfel tal-Belt Kapitali[21].

## Tmiem tal-Pesta

L-agħar xhur fejn il-pesta ħakmet lill-gżejjer Maltin kienu x-xhur sajfin minn Ġunju sa Settembru 1813 u mbagħad bil-mod il-mod bdiet tnaqqas mill-qawwa tagħha. Madankollu mal-wasla tal-Gvernatur Sir Thomas Maitland, nhar l-4 ta' Ottubru l-epidemija kienet għadha ħajja. Għalhekk dal-gvernatur ħa atteġġament riġidu, strett u militari biex jikkontrolla l-imxija. Qabelxejn organizza aħjar is-sistema tal-pulizija, sabiex jassigura l-osservanza tar-regoli. L-ikbar uġigħ ta' ras li kellu kienu l-irħula ta' Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi, fejn minkejja kollox il-pesta kienet għadha qed tagħmel ħerba. Għalhekk dawwarhom b'kurduni ta' suldati u impona l-liġi marzjali. Għad li din ħadmet mal-ewwel żewġt irħula, f'Ħal Qormi kienet storja oħra. Tant li ddeċieda li jdawwar lil Ħal Qormi b'ċint doppju u għassa sħiħa. Bażikament lil Ħal Qormi qegħdu taħt liġi marzjali u kkonvertih bħala Lazzarett.

Wara li ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha ta' kwarantina u purifikazzjoni tad-djar tal-bliet u l-irħula, il-Gvernatur Maitland fid-29 ta' Jannar 1814 ħareġ digriet fejn iddikjara lil Malta ħielsa mill-pesta. Dan il-jum, li kien is-Sibt, fid-disgħa ta' filgħodu l-Isqof flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral iċċelebra quddiesa solenni fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Għall-okkażjoni attenda l-Gvernatur minn fuq it-tron tiegħu. Wara l-quddiesa tkanta *Te Deum Solenni* b'ħajr lill-Mulej li ħeles lill-Malta mill-flaġell tal-pesta. Imbagħad il-Gvernatur ħabbar li l-bibien tal-Belt kienu se jinfetħu l-għada, il-Ħadd 30 ta' Jannar 1814. Din l-aħbar tant mistennija ntlaqgħet bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha tal-belt, tal-Kottonera u tal-irħula. L-għada n-nies tal-Kottonera qasmu l-port u ngħaqdu mal-Beltin u nies mill-irħula biex flimkien jifirħu u jiċċelebraw it-tmiem tal-flaġell[22].

## Referenzi


1 Biblijoteka Nazzjonali Malta (BNM): LBR818/10, data 28 Marzu 1813.

2 CALVERT Robert: *An Account of the Origin and the Progress of the Plague in Malta in 1813*; (1815), pġ.6.

3 CASSAR Paul: *Medical History of Malta, (1964)*, p.176.

4 Arkivju Nutarili Valletta (NAV): *Nutar Salvatore Camilleri*, R139 vol5 ff.810v -812r: 8/4/1813: Sumptum: Marcum Giov. Tarabocchia.

5 DEPIRO GM:*Ragguaglio storico della pesti lenza che afflisse le isole di Malta e Gozo negli anni 1813 e 1814;* (1833), *passim.*

6 Dak iż-żmien ix-xjenza medika kellha żewġ teorija dwar kif tinxtered il-pesta minn persuna għal oħra. It-Teorija tal-MIASMA kienet tgħid li l-pesta tgħaddi minn persuna għal oħra permezz ta' arja mniġġsa. It-teorija tal-CONTAGIO kienet tgħid li l-pesta titrażmetti permezz tal-mess ma' persuni jew oġġetti infettati. L-awtoritajiet Maltin kienu jsostnu t-teorija tal-CONTAGIO. Fil-fatt iż-żewġ teorija kienu l-bogħod mill-verità, għax il-pesta bubonika titrasmetti ruħha bil-gidma tal-bergħut minn fuq il-far li jkun marid bil-pesta. Imma dan ġie skopert tmenin sena wara fl-1896.

7 Arkivju Nazzjonali Malta (NAM): GMR1 fol.6 data 10 ta' Mejju 1813

8 NAM GOV 1/1/7 ff.210-215. Dispaċċ lil Lord Bathurst bid-data 12 ta' Mejju 1813.

9 NAM: GMR1 fol.1 data 5 ta' Mejju 1813.

10 Arkivju Arċiveskovili Malta: AAM vol. Mattei 1809-24 fol.118: bid-data 24 ta' Mejju 1813.

11 NAM GMR1,f.40

12 NAM GMR1, passim

13 *idem*

14 NAV (Nutar Baldassare Mamo) R334/32 & 33, *passim.*

15 NAV (Nutar Calcedonio Arp) R24/28, ff.893v :Obligatio pro Hiacinto Debono at Seraphini Farrugia; 26.vi.1813

16 NAV (Nutar Giuseppe Bonavita) R64/49 – f.5r-7r: Codicilli Sigra Aloisia Spiteri; 7.xi.1813.

17 NAV(Nutar Calcedonio Arpa) R24/28– ff.880v-887r: Testamentum: D.D. Gioacchino et Maria Tereza coniugi Muscat: 21.vi.1813

18 NAV (Nutar Calcedonio Arpa) R24/28 – ff:872-876: *Testamentum Vincenzo Busuttil et Loreta Paris*; 17.vi.1813

19 NAV (Nutar Calcednio Arpa) R24/28 ff.32v-36r: *Apoca ed obligazione fatto per Rosaria Chircop @ Josepho Mallia; 13 ta' Diċembru 1813.* Il-ġojjelli kienu arloġġ tad-deheb, par bokkli tad-deheb għaż-żraben u plattina tal-fidda flimkien ma xi flus. Dal-ġojjelli kienu rahan għal xi self magħmul.

20 FRA LUIGI CARUANA DINGLI: *Notizie intorno il morbo contagioso accaduto l'anno 1813 in quest'Isola di Malta;*BNM ms1162; f.75

21 BURRELL: *Appendix V to the Second Report On Quarantine;* (1854); pp.34&35

22 FRA LUIGI CARUANA DINGLI: idem; f.121